**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Mejju 2020.**

**Rikors nru :182/2013 AGV**

**AB**

**-vs-**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors guramentat tar-rikorrenti AB, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 565781(M), fejn esponiet ir-rispett u bil-gurament taghha, tikkonferma illi hija taf personalment bis-segwenti fatti:

1. Illi l-kontendenti kienu awtorizzati jidhlu f'kuntratt ta' separazzjoni personali b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Marzu 2009, liema kuntratt gie

redatt min-Nutar Dr. Reuben Debono fit-22 ta' April 2009 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. A**).

2. Illi l-partijiet premessi bhalissa jinsabu f'posizzjoni fejn ma hemm l-ebda forma ta' komunikazzjoni bejniethom.

3. Illi fir-rigward ta' ***manteniment*** l-intimat kien intrabat illi jhallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u ghoxrin Euro (€323) kull xahar ghall-bzonnijiet tal-minuri D illi llum ghandha disa' (9) snin u E illi llum ghandu sitt (6) snin, u dan ai termini ta' klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-kontendenti.

4. Illi l-esponenti ma tippercepixxix manteniment ghaliha personalment.

5. Illi filwaqt illi bhalissa l-esponenti ma ghandhiex impieg, hija qieghda taghmel l-almu taghha sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja taghha, bil-ghan illi hija tkun tista' eventwalment tipprovdi ahjar ghall-bzonnijiet ta' uliedha.

6. Illi fic-cirkostanzi odjerni l-esponenti mhix qieghda tlahhaq mal-ispejjez tal-hajja, stante illi s-somma ta' tlett mija u tlieta u ghoxrin Euro (€323) illi qieghda tircievi in linea ta' manteniment – u li ma giet qatt riveduta mis-sena 2009 - hija baxxa wisq sabiex tkopri anke l-bzonnijiet bazici tat-tfal minuri fuq indikati, illi qeghdin dejjem jikbru u qeghdin dejjem jizdiedu l-ezigenzi taghhom (prospett tal-ispejjez inkorsi ghall-bzonnijiet tal-imsemmija minuri hawn anness u mmarkat bhala **Dok. B**).

7. Illi *oltre dan* jinghad illi minkejja illi skond klawsola numru erbgha (4F) tal-kuntratt in kwistjoni l-intimat ghandu l-obbligu illi jhallas nofs l-ispejjez tas-

sahha u tal-edukazzjoni tal-minuri, l-istess intimat qieghed jonqos milli jaghmel dan b'mod regolari u kostanti, b'dan illi l-esponenti qed ikollha f'diversi okkazjonijiet terfa' dawn l-ispejjez wahedha – sitwazzjoni illi sejra biss taggrava anke in vista tal-fatt illi t-tifla minuri D tbati minn Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD) u tirrikjedi kura u medicini partikolari.

8. Illi jkun ghalhekk opportun – anke in vista tan-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-kontendenti – illi tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti somma fissa sabiex tkopri l-obbligi tal-intimat in kwantu l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni hawn fuq indikati.

9. Illi fir-rigward tal-***__access__*** filwaqt illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri fuq imsemmija giet fdata f'idejn l-esponenti, l-intimat igawdi dritt ta' access liberu - '*fi granet u hinijiet skond kif miftiehem bejn il-partijiet minn gimgha ghal gimgha, tenendo kont tal-ezigenzi tax-xoghol tal-partijiet u tal-ezigenzi tat-tfal minuri*', u dan ai termini tal-klawsola numru erbgha (4B) tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn indikat.

10. Illi filwaqt illi l-esponenti ma ghandha l-ebda oggezzjoni illi jekk jaghti l-kaz jizdied l-access illi fil-prezent qieghed igawdi l-intimat – u dan anke in vista tal-fatt illi minhabba l-kundizzjoni medika illi tbati minnha t-tifla minuri D u l-attenzjoni illi din konsegwentement tirrikjedi, l-istess esponenti qieghda terfa' piz qawwi wahedha f'dan ir-rigward – dan l-access ghandu jkun regolat u stabbilit.

11. Illi dan ikun utili anke b'mod partikolari in vista tac-cirkostanzi prevalenti bejn il-kontendenti – u cioe' fejn ma hemmx komunikazzjoni bejniethom.

12. Illi l-partijiet premessi kienu waslu ghal ftehim privat bejniethom dwar l-access (kopja hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. C**).

13. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet falliet b'dan illi l-istess partijiet gew awtorizzati sabiex jipprocedu bil-kawza odjerna permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Lulju 2013 (Nru 1487/13) fid-19 ta' Lulju, 2013 ( Dig nru: 1487/13) (kopja awtentika hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. D**).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-manteniment fl-ammont ta' tlett mija u tlieta u ghoxrin Euro (€323) fix-xahar huwa baxx wisq sabiex ikopri s-sehem tal-intimat in kwantu l-ezigenzi taz-zewgt itfal minuri D u E.

2. Tiffissa retta alimentarja gdida ghola minn dik is-somma illi prezentement huwa obbligat ihallas l-intimat ai termini tal-klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali vigenti bejn il-partijiet, liema retta alimentarja ghandha tizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, jew zieda ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha opportun.

3. Tiffissa somma illi ghandha tithallas mill-intimat fuq bazi annwali jew skond kif jidrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti, liema somma ghandha tkopri l-obbligi tal-istess intimat ai termini tal-klawsola numru erbgha (4F) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali surriferit, u cioe' l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni

relatati mal-minuri D u E, b'dan illi l-intimat jigi ordnat ihallas tali somma f'zewg pagamenti wiehed kull sitt xhur.

4. Tiffissa l-access illi ghandu jgawdi l-intimat ghat-tfal minuri D u E, b'dan illi jigi nkorporat fis-sentenza finali l-ftehim privat illi kien qieghed jigi segwit mill-partijiet u jekk jaghti l-kaz jizdied l-access dejjem a bazi tal-istess ftehim, kollox taht il-pattijiet u kundizzjonijiet illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' CB fejn eccepixxa:-

Illi filwaqt illi l-esponent jaqbel ma' l-ewwel tliet paragrafi, kif ukoll mad-disa' paragrafu tar-rikors guramentat, ma jaqbilx ma l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet fil-paragrafi l-ohra stante li huma inveritieri u nfondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent jirriserva li jressaq xhieda in sostenn.

Illi ghalhekk l-esponenti jopponi ghat-talbiet kollha hekk kif esposti fir-rikors guramentat, u dana a bazi tas-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent jikkontendi illi l-azzjoni odjerna qatt ma setghet tigi proposta u dana l-ghaliex fil-kuntratt ta' separazzjoni redatt min-Nutar Dr Reuben Debono fit-18 ta' Marzu 2009 (anness mar-rikors guramentat), il-partijiet qatt ma ftiehmu illi l-manteniment seta' jigi varjat minnhom jew minn xi Qorti u ghaldaqstant japplika bejn il-partijiet il-principju tal-*pacta sunt servanda.*

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jopponi ghall-ewwel talba tar-rikorrenti u dana l-ghaliex mhux minnu illi l-manteniment li l-esponent jhallas ghaz-zewg minuri huwa wiehed baxx wisq u dana tenut kont tal-fatt illi l-esponent anke jhallas ghan-nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghaz-zewg minuri; iktar minn hekk, propju ghax il-minuri jkunu hafna ma l-esponent, l-istess jikkontendi illi l-prospett illi r-rikorrenti annettiet mar-rikors guramentat huwa ghal kollox *inflated* u ezagerat u dwar dan ukoll, l-esponenti qed jirriserva li jgib prova fil-mori ta' din il-kawza.

3. Illi l-esponenti qed jopponi wkoll ghat-tieni talba tar-rikorrenti u cioe` illi tigi ffissata retta alimentarja gdida ghola minn dik is-somma illi prezentement huwa obbligat li jhallas u liema somma tizdied ukoll kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u dana l-ghaliex kif tghallimna l-gurisprudenza nostrana, il-manteniment ghandu jkun ibbazat fuq il-mezzi u l-qliegh tal-genituri; kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, is-salarju tal-esponent huwa wiehed modest u huwa ghandu pizijiet finanzjari mal-banek li dahal fihom sabiex ihallas lir-rikorrenti ta' sehemha mid-dar; ukoll r-rikorrenti ghandha kull obbligu li tahdem u tipprovdi ghal familja.

4. Illi l-esponenti qieghed jopponi ukoll ghat-tielet talba tar-rikorrenti u dana l-ghaliex mhux minnu illi l-esponenti ma jikkontribwixxiex ghal nofs l-ispejjez relatati ma' sahha u edukazzjoni taz-zewg minuri u f'dan ir-rigward huwa bihsiebu jressaq il-provi fil-mori tal-kawza; jekk ikun hemm ammont li jithallas fis-sena ser ikun iktar difficli finanzjarjament ghal esponent li jghix hajja dicenti; l-esponent ihoss li huwa

arrangjament ekwu li hemm fil-kuntratt u cioe li l-esponent ihallas ghal ispejjez ta' sahha u edukazzjoni perjodikament.

5. Illi filwaqt li l-esponenti, prezenzjalment ma jopponix *in toto* ghar-raba' talba tar-rikorrent, l-esponent jikkontendi illi dak il-ftehim privat intlahaq bejn il-partijiet propju minhabba l-ezigenzi tax-xoghol ta' l-esponent li llum il-gurnata huwa suldat mal-Forzi Armati. Madanakollu, l-esponenti ma jistax jaqbel illi dak il-ftehim privat jirregola l-access futur illi huwa ghandu jkollu versu z-zewg minuri, anke l-ghaliex l-esponent m'ghandu l-ebda certezza illi huwa ser jibqa' fl-impjieg jew fix-xifts tieghu prezenti u ghaldaqstant, l-esponent jikkontendi illi l-access illi huwa ghandu jkollu versu z-zewg minuri ghandu jkun wiehed li jiehu in konsiderazzjoni l-ezigenzi tax-xoghol taz-zewg partijiet u fuq kollox l-ezigenzi taz-zewg minuri.

6. Finalment, l-esponenti qed jopponi ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>FATTI</u>**

1.Il-partijiet kienu sseparaw fit-22 ta' April, 2009 permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr.Reuben Debono. Ghandhom zewgt itfal D u E lkoll minorenni. Skond il-kuntratt kien gie miftiehem li l-konvenut ihallas is-somma ta' €323 kull xahar ghaz-zewgt itfal u jrid ihallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, izda dan mhux qed isehh. Fil-fatt, l-attrici

tghid li kellha taghmel diversi rapporti lill-pulizija.[1] L-ispejjes edukattivi, partikolarment fil-bidu tas-sena skolastika jkunu sostanzjali. L-attrici tkompli tghid li dan l-ahhar il-konvenut qed jaghtiha s-somma ta' €200 u skond hu ghandhom ikopru l-ispejjes edukattivi tul is-sena skolastika kollha. B'hekk l-attrici tispjega li kien hemm mumenti meta ma setghetx taffordja li tixtri uniformijiet godda ghaz-zewgt itfal u spiccat tixtri dak li kien necessarju.

L-attrici tghid li ma tircevix manteniment minghand il-konvenut u kienet qed tistudja l-Universita' ghall-BA in Social Policy/Work u ggradwat fis-sena 2017. Tghid li kienet bdiet il-kors fl-2013.[2] Kienet iddecidiet li tistudja sabiex dejjem tipprova ttejjeb il-hajja ta' uliedha. Tkompli tghid li tul l-istudji taghha, peress li ma kinitx intitolata ghall-stipendju, kienet applikat sabiex tinghata forma ta' ghajnuna pprovduti lill-istudenti f'cirkostanzi fejn hemm diffikultajiet finanzjarji. Ghalhekk tghid li fis-sena 2014, kienet irceviet is-somma ta' €1, 801.83, li kienet maqsuma f'pagamenti fix-xahar.[3] Din l-applikazzjoni ma tiggeddidx awtomatikament kull sena, trid terga' tapplika.

L-attrici tkompli tghid li tirciev i €470 bhala beneficcji socjali,[4] pero' minnhom kellha thallas is-self li hadet minghand il-Gvern fl-ammont ta' €261 meta hadet post minghand l-Awtorita' tal-Housing, li kien bis-sussidju. [5] Illum hi u uliedha qedghin ighixu f'dan il-post.

L-attrici tkompli tispjega li tixtieq tibghat lit-tfal taghha biex jipprattikaw xi sport jew xi attivita', specjalment lil binthom D, ghax din ghandha l-kundizzjoni tal-ADHD, izda ma tiehux ir-riskju peress li l-konvenut mhux

---

[1] Ara dok. E a fol. 45 tal-process.
[2] Ara Dok. NG 1 a fol. 220 tal-process.
[3] Ara Dok. NG 2 a fol. 221 u Dok. UOM 1/ UOM 2 a fol. 249-251 tal-process.
[4] Ara Dok. NG 3 a fol. 222 tal-process.
[5] Ara Dok.C anness mal-affidavit.

konsistenti f'dawn il-pagamenti. Kellha ukoll iccahhad lil D minhabba l-finanzji, milli tattendi korsijiet tal-arti, wara li kienet giet avvicinata mill-ghalliema tal-iskola biex tkompli ttejjeb din il-kwalita'.

Il-kundizzjoni ta' ADHD tal-minuri D tikkura ruhha bil-medicina. Presentement, tispjega l-attrici, li l-minuri tiehu l-medicina Ritanil, li hija pprovduta mill-Gvern. Mill-ahhar vista, l-attrici tispjega li t-tabib kien iktar propens li tibda tiehu l-medicina Concerta u din l-ispiza tkun ta' €60 fix-xahar. L-attrici tkompli tghid li l-konvenut ma jridx jaccetta l-kundizzjoni ta' bintu u kull meta haditu maghha ghand l-ispecjalista kien jiksirha u jghidilha li setghet thallas dawn l-ispejjes mill-manteniment li kien jaghtiha. L-attrici ukoll, fl-interess tal-minuri qed tibghatha ghand ghalliema specjalizzata Joeline Agius u din tiehu €9 kull siegha, meta taf li l-konvenut mhux ser jikkontribwixxi ghalihom.

Dwar l-impjieg tal-konvenut, l-attrici tghid li jahdem full-time mal-Armata u ghandu ukoll impjieg part-time. Tghid li dan l-ahhar inghata zewg promozzjonijiet li waslu ghal zieda fil-paga tieghu u li tibqa' tizdied ghal hames snin. Taf ukoll li l-konvenut ghandu appartament f'Ta' Xbiex u jikrieh u dan huwa iktar introjtu ghalih.

Tkompli tghid li l-konvenut jippratika l-karate u jmur l-gym u ghandu ukoll il-passatemp tal-kacca u ghalhekk f'dawn l-attivitajiet zgur li jonfoq. Tghid ukoll li jsiefer tlett darbiet fis-sena.

L-attrici tinsisti li ma tistax tkampa bil-manteniment tal-konvenut u dan meta ghandha diversi spejjes, kif ukoll minhabba l-fatt li l-konvenut ma jikkontribwixxix regolarment. L-attrici pprezentat diversi spejjes li hija

kellha, inkluz kontijiet tad-dawl, ilma u Go plc., kif ukoll tal-Childcare Centre "Klabb 3-16."[6]

Dwar l-access, minkejja li fil-kuntratt ta' separazzjoni kien hemm ftehim ghall-access liberu, l-parrtijiet bejniethom kienu ftehmu li l-access jigi ezercitat skond is-shift tal-konvenut li jahdem, day-night-rest-off u ghalhekk kienu ftehmu li fix-Xitwa l-minuri jqattghu gurnata wahda ma' missierhom fil-weekend, filwaqt li fis-Sajf iqattghu jumejn mieghu, gurnata wahda matul il-weekend u wahda matul il-gimgha. It-tfal jixtiequ li jkollhom iktar access, ghax il-konvenut generalment, minkejja dan il-ftehim jarahom biss gurnata wahda biss kemm fix-Xitwa kif ukoll fis-Sajf.

2. FG, oht l-attrici kkonfermat il-fatti msemmija mill-attrici. Ziedet tghid li l-attrici u uliedha kienu jghixu ma' ommhom, li kienet armla, b'pensjoni minima. Maghhom kienu joqoghodu tnejn minn huthom ukoll. Tispjega li l-appartament kien zghir, ghax kien jikkonsisti biss fi tlett ikmamar tas-sodda, bathroom, shower, kcina u living room.

Dwar ohtha l-attrici, tghid li qabel ma bdiet tistudja kienet tahdem part-time bhala sales assistant u kien hemm xi zmien fis-Sajf fejn kienet tahdem full-time, izda mbaghad kellha taqleb part-time peress li ma kellhiex minn izommilha t-tfal.

3. HI, oht l-attrici tikkonferma li l-attrici, flimkien ma' uliedha kienet damet xi sena u nofs tghix maghhom ghand ommhom. Illum dina d-dar kienet inharqet u lkoll ighixu separatament. Tikkonferma li l-finanzi tal-

[6] Ara Doks. NG 4(1) – NG 6 a fol. 223-227 tal-process.

attrici ma kinux jippermettu u lit-tfal kienet tehodhom sal-bandli ghax hawn kienet tista’ tonfoq l-anqas. Ikkonfermat ukoll li l-konvenut kien imur ghat-tfal darba fil-gimgha, pero’ tul il-gimgha lanqas kien jikkomunika maghhom.

Oht l-attrici kkonfermat ukoll li l-attrici ilha studenta sa minn Ottubru, 2013. Bhala finanzi tghid li l-attrici kienet tircievi l-manteniment, kif ukoll kienet tircievi beneficcji minghand il-Gvern tas-“single mothers.” Tircievi ukoll ic-childrens allowance, kif ukoll taf li kienet tibbenefika mis-sussidju tal-kera u tad-dawl u ilma.

Tikkonferma ukoll li l-attrici llum tghix f’dar li tappartjeni lill-ġenituri tal-partner taghha u tghix hemm mieghu peress li kienet inharqet id-dar t’ommha.  Gieli kienet tmur toqghod ghand iz-zija li tbati minn depression. Ghalhekk kien difficli li zzomm it-tfal maghha u kienu ghamlu xi zmien ighixu ma’ missierhom.

Oht l-attrici tikkonferma ukoll li l-attrici kienet xtrat il-post taghha u kellha loan mill-bank.

5. Il-konvenut jispjega li l-attrici kienet waqqfet tahdem xi sitt xhur wara li zzewwgu u mhux fl-2003. Peress li kellha hafna kapricci, biex ilahhaq maghhom kien jispicca jaghmel xi tlett part-time fil-gimgha. Kien insista maghha li ssib impjieg, specjalment peress li kienu ghadhom bla tfal, izda kien ghalxejn. Kien ukoll jinsisti li ma kellhomx bzonn zewg karozzi, izda ma riditx taf. Wara li twieldet it-tifla kienu bdew igibu l-istudenti. Ikompli jghid li l-attrici kienet ghamlet zmien tahdem ma’ huh ma’ GPS Research u kienet damet xahrejn. Peress li hafna drabi x-xoghol kien isir waqt rave parties, kien izomm it-tfal hu jekk kien off jew kienu jghinuhom il-familjari.

Fit-18 ta' Marzu, 2009 kienu sseparaw konsenswalment. Skond il-kuntratt dejjem hallas il-manteniment dovut lill-minuri fis-somma ta' €323 fix-xahar, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Kien waqaf biss fiz-zmien li kien qed izomm it-tfal mieghu. Fil-kuntratt kien hemm stipulat ukoll li d-dar matrimonjali kellha tinbiegh u kien ser jibqa' jghix hemm sakemm tinbiegh u sadanittant kien ihallas il-loan. Xi erba' snin mis-separazzjoni, kien iddecieda li jixtri sehem l-attrici, izda ma setghux jaqblu fuq prezz u spicca kellu jaghmel kawza ghas-subbasta, fejn assuma l-loan kollu u kien ha loan addizzjonali ta' €25, 000 biex ihallas lill-attrici, li kienet hadet ukoll xi ghamara u xi appliances mid-dar. Biex arma u rranga l-post kien issellef €18, 000 minghand il-genituri tieghu.[7] Kellu ukoll ihallas l-ispejjes ta' avukat u nutar, periti u ricerki sabiex ibiddel il-kuntratt ta' separazzjoni. Kien ukoll xtara karozza ghall-valur ta' €1,500 Ford Focus u mhux minnu li kienet tiswa' xi €7,000. Il-konvenut izid ighid li kienu ftehmu li jekk qatt jigri xi haga, l-attrici kellha thallas sehemha li qatt m'ghamlitu.

Il-konvenut jispjega li mhux f'qaghda finanzjarja li jhallas iktar manteniment ghall-minuri u dan peress li ghandu paga ta' €1, 200 fix-xahar u minn dan ihallas €300 loan lil Bank of Valletta, €323 manteniment ghall-minuri u €200 lill-genituri tieghu ghas-self li kienu tawh. Imbaghad ghandu spejjes tal-insurance tal-hajja u tal-post.[8] Bhala introjtu iehor ighid li kien kera l-post fejn kien joqghod ghal tlett xhur ghal xi €400 fix-xahar u sadanittant kien ighix ghand ommu. Kien biegh il-proprjeta' tieghu u xtara post iehor li kien ghadu fuq konvenju. Ilum ighix hemm.

Ikompli jghid li l-attrici hadmet hafna, kif jirrizulta mill-provi tal-Jobsplus. Tircievi €470 bhala relief, ic-childrens allowance, kif ukoll l-istipendju

---

[7] Ara Dok., C a fol. 735 tal-process.
[8] Ara Dok. D a fol. 738 tal-process.

mill-Universita' li jwasslu ghall-ammont ta' €950 fix-xahar u ghalhekk ghandha dhul sostanzjali. Fuq il-medicini, ighid li l-attrici gidbet u li dawn tehodhom b'xejn peress li ghandha l-karta r-roza u mbaghad titolbu l-flus.

Il-konvenuta jsemmi li qabel iz-zwieg kellu vettura Honda CRX u kien bieghha u mir-rikavat kien hallas il-loan li kellu mal-attrici fuq id-dar kif ukoll l-istess loan li kellu fuq il-vettura. L-attrici qatt ma riedet taghtih sehemha.

Il-konvenut ikompli jsemmi li kienu hadu computer loan sabiex jixtru zewg compjuters ghall-uliedhom. Kienu ftehmu li jhallsu €20 kull wiehed u dan kellhom jitnaqqsu ukoll mill-manteniment li kien dovut. Minhabba li l-attrici kienet ghamlet rapport falz li kien qed ighaddilha anqas mill-manteniment, spiccaw il-Qorti u spicca li kellu jhallas ta' sitt xhur peress li l-attrici damet m'ghamlet rapport. Illum spicca li ha l-kompjuter hu stante li kien hu li kien ghamel il-pagamenti.[9]

Dwar spejjes edukattivi jispjega li dejjem hallashom u kien ikkontribwixxa lejn l-ispejjes tal-privat, scouts u kwalsiasi spejjes li jitolbuh. Generalment dawn l-ispejjes jinqasmu bin-nofs. Ighid li l-attrici riedet tibghat lil binthom privatijiet tas-suggetti kollha, izda kienet biss baghtitha ghall-Physics, Maths u Malti.

Dwar it-tifla minuri D u l-ADHD li tbati minnha, jikkonferma li meta mar maghhom ghand it-tabib, dan kien qallhom li seta' kellha tracci tal-ADHD u iktar minn hekk meta ppreskriva l-medicina Ritanil, kien spjegalhom is-*side effects* li seta' kellha dina l-medicina bhal li t-tifla setghet tibqa' zghira u jkollha ugigh ta' ras. Kien oppona li tiehu dina l-medicina, specjalment wara li bdiet tehodha kien ikollha ugigh ta' ras kuljum, xuftejha kienet

[9] Ara Doks MMG 1 – MMG 4 a fol.

jispiccaw vjola, kif ukoll kienet baqghet ckejkna. Ghalhekk waqqfughomlha u kienet thossha ahjar.

Il-konvenut ighid li kien oppona li t-tfal taghhom jattendu l-Klabb 3-16, izda l-attrici kienet baghtithom xorta u s-surmast kien qallu li t-tfal kienu qed ikunu ghajjenin hafna, tant li kienu jorqdu fil-klassi u dan minhabba li l-attrici kienet tehodhom kmieni filghodu l-iskola ghall-breakfast. Il-konvenut jinsisti li dan kollu kien biex l-attrici tkun tista' toqghod mal-gharus taghha JK.

Il-konvenut jichad li l-attrici kienet ghamlet l-O'Levels waqt li kienu mizzewwgin. Ighid li tul iz-zwieg kienet ghamlet ezami wiehed u kienet wehlet.

7. LB, omm il-konvenut xehdet dwar iz-zmien wara li sseparaw f'April, 2007 minhabba li kien inqala' hafna dizgwid bejn il-koppja, peress li l-attrici kellha relazzjoni ma' certu MN, li kien persuna b'kondotta hazina. Issemmi incident li sehh fid-9 ta' Awissu, 2010 meta l-attrici kienet marret quddiem ir-residenza taghhom u kienet bdiet toffendihom, tant li spiccaw kellhom jaghmlu rapport u l-attrici nstabet hatja talli kissret il-paci pubblika.[10] Fil-31 ta' Awissu, 2010 kien hemm incident iehor, fejn l-attrici gidmitha u bdiet taghtiha bis-sieq.[11]

   Meta l-partijiet bidlu l-kuntratt ta' separazzjoni u l-konvenut xtara sehem l-attrici mill-post kellhom jispiccaw isellfuh €18,000 u jhallashom €200 fix-xahar. Tghid li l-attrici kienet hadet nofs l-appliances.

[10] Ara Dok. PG 2 a fol.
[11] Ara Dok. PG 3 a fol.

Dwar it-tfal minuri, tghid li dejjem hadu hsiebhom u qatt ma hallewhom nieqsin minn xejn. Meta nharqet id-dar t'omm l-attrici, kienu anke zammewlha t-tfal ghal sitt gimghat, filwaqt l-attrici marret tghix mal-gharus taghha dak iz-zmien JK. Wara sitt gimghat ma setghetx izzommhom izjed peress li zewgha kien dizabbli u kienet ghajjiet. Mhux minnu li kienet abbandunathom l-iskola. Kienet qalet lill-attrici li kienet ser thallihomlha l-iskola.

Omm l-attrici tinnega li xtraw karozza lill-konvenut, apparti li tawh it-€18,000.

8. Ruth Cutajar, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg tikkonferma li hadmet mal-attrici bejn Gunju 2009 u Marzu, 2012, fejn kienet infurmata li kienet isseparat u li kienet ghaddejja minn problemi finanzjarji u xi kultant lanqas kien ikollha bizzejjed biex tixtri l-ikel u kienet iddur ghall-ghajnuna tal-familja.

Attribwiet hafna mill-problemi finanzjarji lill-konvenut li ma kienx dejjem jikkoopera bil-hlasijiet ta' manteniment. Sadanittant, biex dejjem tipprova ttejjeb il-hajja ta' uliedha kienet qed tistudja 'child care' u 'social care' u kienet tipprova tahdem ukoll part-time. Ikkonfermat ukoll li l-attrici kienet ghamlet zmien tghix m'ommha, izda mbaghad inghatat dar tal-Housing u iktar sabitha difficli biex tlahhaq mal-ispejjes.

9. OB, missier il-konvenut jikkonferma li kienu sellfuh €18, 000 meta bidlu l-kuntratt ta' separazzjoni. Ighid ukoll li l-loan kien dar ukoll fuq il-konvenut u ghalhekk kellu hafna spejjes. L-attrici sadanittant kien ghad kellha c-cwievet tal-post u kienet tidhol u ggorr xi affarijiet,

fosthom anke c-curkett tat-tieg tal-konvenut. Ighid li dak iz-zmien il-konvenut kellu vettura CRX li kellu jbieghha u bil-flus ghamel il-bibien, kamra tal-banju, kisi, xtara l-main bedroom.

Jinnega li l-attrici tahli hafna flus fuq petrol peress li dejjem isuq it-tfal, ghax ighin hafna billi jiehu t-tfal il-pixxina tal-Qroqq u jistennihom, kif ukoll lit-tifla l-basketball u meta darba ma setax jigborha ma hadithomx aktar.

Isemmi ukoll li fis-16 ta' Mejju, 2010, waqt li kienu btala l-Inghilterra, l-konvenut kien infurmahom li l-attrici kienet hallietlu t-tfal u kellu problema peress li kellu x-xoghol u spicca li l-konvenut kellu jaghmel rapport mal-pulizija.[12]

L-istess kienet ghamlet fl-1 ta' Lulju, 2010 meta l-attrici kienet qalet lill-konvenut li ghandha virus jittiehed u ma setghetx izzomm it-tfal, izda mbaghad rrizulta li kienet qed tahdem go confectionery f'Haz Zebbug ghax kien raha hu stess u mbaghad hadet it-tfal.

Fil-fehma tieghu, ix-xhud ighid li l-attrici minn dejjem kellha hafna kapricci u minhabba fiha, il-konvenut gieli kellu tlett impjiegi biex ilahhaq bl-ispejjes.

Dwar l-attrici jghid li kien jaf li kienet qed tircievi l-beneficcji socjali, izda llum tahdem. Ighid pero' li kienet tiehu l-flus minn kull partner li kien ikollha. Meta kienet mal-konvenut ma kinitx tahdem.

10. PQ, kienet tahdem bhala LSA fl-Iskola Primarja ta' San Gwann mal-minuri D fil-year 4 u anke l-bidu ta' Year 5. Kellha bzonn l-ghajnuna

[12] Ara Dok. AG a fol. 751 tal-process.

kemm fil-*behaviour,* kif ukoll fix-xoghol tal-iskola. Kienet tghinha billi kienet tghinha tikkalma sabiex jippreparaw ghal-lezzjonijiet, kif ukoll kienet tghinha torganizza xogholha. Peress li l-minuri kellha l-kundizzjoni ta' ADHD, kienet hejjiet IEP jigifieri "individual educational programme," fejn jigi spjegat dwar ir-*restraints,* u l-bzonniijiet tat-tifla minuri sabiex dawn jigu msahha. F'dan il-kuntestipprezentat rapport.[13]

11. Joseph Magri, kaptan mal-Forzi Armati, fis-Sezzjoni tas-Salarji pprezenta l-FS3's tal-konvenut mis-sena 2010 sas-sena 2014.[14] Thallas l-arretrati fl-2010. L-AFM allowance tinghata lis-suldat meta jkun ghadda mit-"training." Jispjega li t-trade allowance ma johrogx kull sena, izda nghatatlu kull sena peress li kien ghadda mit-"training test." L-ammont li qed jiehu huwa tal-grad B2 u jibqa' jircievi dan l-ammont sakemm ma jghollux il-grad permezz ta' test iehor. Meta jiehu l-allowance jkollu jahdem is-Sibt u l-Hdud.

    Jispjega li jekk il-konvenut kellu jiehu transfer, jitlef iz-zieda tal-Hdud u Festi u jekk jaqa' bil-gurnata jitlef ukoll it-trade allowance. Pero' jkun jista' jaghmel trade test tal-post fejn ikun.

12. Mario Magro, in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar ikkonferma li l-pagamenti li ghamlet l-attrici ghall-post kien ta' €5,200.[15] Jispjega li l-kuntratt isir ladarba jithallsu l-flus dovuti fuq il-konvenju. Ighid li l-attrici kellha ukoll sussidju fuq il-prezz ta' bejgh li jammonta ghal

[13] Ara Dok. A fol. 181 tal-process.
[14] Ara Doks. JM 1 a fol. `196 tal-process.
[15] Ara Dok. MM1 a fol. 234 tal-process.

€23,100. Ighid li l-attrici kienet applikat skond l-Avviz Legali 76/2012 fl-24 ta' Mejju, 2012 u kienet iffirmat il-ftehim fit-22 ta' April, 2013, pero' l-kuntratt finali jigi ffirmat wara ghoxrin sena.[16] Ix-xhud ikompli jghid li bhala blokka kienet *finished*, il-komun kien *finished* u l-flat attwali kien *semi-finished*, ghax kien bla kmamar tal-banju, dawl u bibien. Ikkonferma ukoll li l-pagamenti mensili li taghmel l-attrici jsiru permezz ta' standing order.

13. Dr. Joe Saliba, tabib konsulent psikjatra jghid li l-minuri DB kienet irriferuta lilu minn kollega paediatrician Dr. Jimmy Farrugia. Kien ilu jaraha minn Gunju, 2011. Mid-djanozi li ghamlu sabu li l-minuri kellha ADHD u kellha tiehu l-kura ta' Ritalin Methyl Phendiat. Kienet tidher li sejra tajjeb b'din il-kura. L-ahhar li rah kien f'Mejju, 2014 u dak iz-zmien kienet ghadha qed tiehu Ritalin tal-10 mg. darbtejn kuljum.

Kellu jerga' jarah fid-29 ta' Mejju, 2015, izda peress li l-minuri kellha l-ezamijiet l-appuntament tressaq ghall-10 ta' Gunju, 2015. Suppost dakinhar kellu jattendi l-konvenut u kellha tinfurmah l-attrici. Ighid li l-attrici kienet infurmatu li l-imgieba tal-minuri kienet ahjar, izda kienet tbati minn mood swings u kienet sejra tajjeb l-iskola.

Dr.Saliba jkompli jghid li mir-rapport li kien ghaddielu Dr.Farrugia, kienet hadet l-inizjattiva biex tmur tkellmu l-attrici u certu MN. Skond ir-rapport inizjali t-tifla kellha *learning difficulties, poor attention, poor sitting tolerance*. Giet riferuta St.Luke's Hospital u ppreskrivewlha r-Ritalin li huwa bla hlas. L-attrici ghadha interessata li taghtiha l-Concerta, imma dan mhux bla hlas. Dr.Saliba jghid li kienu jibghatu

[16] Ara Dok. AD 1 a fol.716 tal-process.

jinfurmaw lill-konvenut u kien hemm zmien meta kien anke talab li jigi kkancellat l-appuntament peress li ma setax jattendi u xtaq li t-tifla tigi ezaminata fil-presenza tieghu. Mill-ahhar li ra lit-tifla kien jidher li kienet qed taghmel progress.

14. Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-ETC pprezenta l-employment history tal-konvenut.[17] Dwar l-attrici jghid li mhux qed tahdem u lanqas tirregistra. Ghal dak li jirrigwarda l-employment history tal-attrici fis-sena 2015, l-attrici stess tispjega li kienet tahdem ma' Arkadia Marketing Limited u kienet tahdem part-time sa minn Settembru, 2012 peress li kienet iddecidiet li tattendi l-Higher Secondary sabiex tkun tista' taghmel l-'O' Levels. Tghid li kienet tahdem ftit sieghat wara nofsinhar u s-Sibtijiet, izda mbaghad bdiet ma tlahhaqx, ghax meta kienet tasal id-dar fit-8 pm kienet isib li t-tifla minuri ma kinitx ghadha ghamlet l-homework. F'Mejju, 2013 talbet tlett gimghat off minhabba l-O'Levels, izda l-manager kien oppona u ghalhekk iddecidiet li ma tidholx, ghax il-manager kienet tatha l-ghazla jew tidhol "on call" jew jekk le kienet tilfet l-impjieg, Fl-2013 kienet dahlet l-Universita' u peress li ma kinitx qed tlahhaq meta kienet tahdem part-time ddecidiet li ma ssibx impjieg iktar.

15. Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, ipprezenta informazzjoni dwar beneficcji li ilha tircievi l-attrici ghal dawn l-ahhar ghaxar snin mis-sena 2007. Theuma pprezenta ukoll l-applikazzjoni tal-attrici ghall-beneficcji socjali li saret fit-22 ta' April, 2009.[18]Fis-27 ta' Novembru, 2014, l-attrici kienet baghtet lid-

[17] Ara Dok.ETC 1 u ETC 2 a fol. 269-272 tal-process.
[18] Ara Dok. DSS 2 a fol. 629 tal-process.

Dipartiment fejn infurmathom li kienet qed tircievi stipendju minghand l-Universita' ta' Malta.[19]

Jispjega ukoll li kwalunkwe dhul jaffettwa l-ammont ta' ghajnuna socjali ghalhekk kemm l-istipendju li kienet tircievi, kif ukoll il-manteniment minghand ir-ragel. Jikkonferma ukoll, li minkejja li kienet intitolata ghaliha, l-attrici qatt m'applikat ghall-karta r-roza.

16. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li l-attrici ghandha zewg kontijiet f'isimha.[20]

17. Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ipprezentat diversi kontijiet f'isem il-partijiet. [21]

18. Claire Micallef Pule' in rapprezentanza tal-Malta Community Chest Fund xehdet li l-attrici kienet applikat ghall-ghajnuna minghand il-Community Chest Fund u biex tikkwalifika ghall-istess ghajnuna ssir *means* testing, skond it-talbiet li jkunu qed isiru u d-dhul tal-persuna li f'dan il-kaz kien skond is-sigurta' socjali u c-childrens allowance li kienet tircievi, kif ukoll kemm ikun hemm nies fil-familja. Il-manteniment ma jigix kkunsidrat u ma kinitx taf ghal liema raguni.

Tispjega li l-Bord kien iddecieda li jghaddilha s-somma ta' €440 li minnhom xtrat saqqu double, u tnejn single, heater tal-gas u 2 quilts.[22] Applikat ghall-computer u tawha wiehed second hand.[23] Kienet applikat ukoll ghat-tiling tal-kamra tal-banju u ghall-fridge u kienu

[19] Ara Dok. DSS 3 a fol. 633 tal-process.
[20] Ara dok. NG 1 u NG 2 a fol. 306 tal-process
[21] Ara doks. BV1 – BV 16 a fol. 354 tal-process.
[22] Ara Dok. MC 1 a fol. 645 tal-process.
[23] Ara Dok. MC 2 a fol. 661 tal-process.

tawha fridge.[24] Izid tghid ukoll li dak iz-zmien it-threshold kien differenti. Spjegat ukoll li meta l-attrici applikat kellha referenza minghand is-social worker fejn ikkonfermat li l-bzonn kien genwin.

19. WPS 110 Maria Scicluna esebiet seba' rapporti li saru bejn 2009 u 2013.[25]

## KONSIDERAZZJONIJIET

F'dan ir-rikors guramentat, l-attrici qed titlob varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni li kien gie ffirmat bejn il-partijiet fit-18 ta' Marzu, 2009, fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono in kwantu jirrigwarda l-access u l-manteniment.

Il-konvenut jilqa' ghall-istess talbiet primarjament minhabba l-principju *pacta sunt servanda* u dan meta fil-kuntratt ta' separazzjoni ma kinux ftehmu bejniethom li dan l-istess kuntratt seta' jigi varjat minnhom jew xi Qorti.

## L-Eccezzjoni tal-Pacta Sunt Servanda

Il-Qrati taghna diga' kellhom diversi opportunitajiet sabiex jippronunzjaw ruhhom fuq dan il-punt ta' ligi. Il-gurisprudenza nostrana zammet ferm li bhala regola ferma japplika l-principju *pacta sunt servanda* li jaghti forza ta' ligi lil dak li jkunu ftehmu l-partijiet, salv ghad-dritt tal-qorti li

[24] Ara Dok. MC 3 a fol. 672 tal-process.
[25] Ara Doks. MSP 1 – MSP 7 a fol. 759 tal-process.

tintervjeni f'vertenzi li jirrigwardaw lill-minuri. Dan il-principju huwa rifless fil-ligi taghna fejn l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

***"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."***

***"Il-gurisprudenza ricenti hi fis-sens li, minkejja dak miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni u li jolqot biss il-partijiet, jistghu jezistu cirkostanzi "ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas retta alimentali [pattwita] allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni."[26] Dan hu hekk fl-interess tal-ordni pubbliku, li jipprevali fuq kull ftehim li talvolta jkun sar bejn il-partijiet kontraenti. Ghalhekk sabiex din l-eccezzjoni ghar-regola tkun applikabbli, jehtieg li min ikun intrabat kontrattwalment li, jesegwixxi obbligu, biz-zmien isib ruhu fl-impossibilita' estranea ghall-volonta' tieghu li jkompli jesegwixxi dak l-obbligu tieghu."[27]***

Hekk ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg,[28]** l-Qorti tal-Appell osservat li minn jitlob varjazzjoni tal-obbligu ta' manteniment ghandu jgib provi "***cari, oggettivi u inekwivoci***" sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi l-intervent taghha huwa mehtieg.

Fil-mertu, ghalhekk, in linea generali, f'kull kawza fejn it-talba hi ghall-varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, l-oneru tal-prova huwa gia'

---

[26] App.Civ. Nru. 2479/1996 deciza 16 ta' April, 2004 Alfred Grech vs Pauline Grech pro et. noe.
[2727] App.CIv. Nru. 24/15 deciza 31 ta' Mejju, 2019 Moses Briffa vs Nathalina Briffa
[28] App. Civ. Deciza 30 ta' Novembru, 2012.

wiehed gholi. Meta l-varjazzjoni mitluba tirrigwarda l-obbligu tal-hlas tal-manteniment, meqjus bhala li jaqa' fil-kamp tal-ordni pubbliku, il-Qorti tqis li l-oneru tal-prova mehtieg ghas-success ta' azzjoni bhal dik odjerna, huwa wiehed massimu.

Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar il-bilanc li jrid jinstab bejn il-principju fondamentali "***pacta sunt servanda***" u l-principju l-iehor daqstant importanti "***ad impossibilia nemo tenetur***":-

***"Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet." Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja ta' kuntratti, ghandu japplika ukoll, bhala deroga mill-istess, il-principju "ad impossibilia nemo tenetur," li jifforma r-"ratio legis" tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt."***

***"Jinkombi ghalhekk fuq min jitlob il-varjazzjoni tal-obbligu ta' manteniment, id-dover assolut li jressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex jikkonvinci lill-Qorti, altrimenti l-Qorti tkun qed tippermetti li stipulazzjonijiet tant serji u delikati f'kuntratti pubblici bhalma huma stipulazzjonijiet dwar obbligu ta' manteniment tal-konjugi jew tal-ulied, jigu soggetti ghall-tibdil bl-iktar mod facli u espedjenti. L-Artikolu 21 tal-Kodici Civili, fuq citat, zgur mhux intiz biex jakkomoda piki u kapricci, izda fejn jirrizultaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw***

***tibdil fil-patt kuntrattwali ghall-hlas ta' manteniment, dan ghandu jigi premess.***

***Gie ukoll ritenut mill-Qorti tal-Appell illi "…..jinsab assodat fil-gurisprudenza patria li iktar milli bdil fic-cirkostanzi b'mod generali, it-test dwar jekk ghandux jigi ridott manteniment stabbilit lil wiehed mill-konjugi jirrikjedi ezami komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom."Edward Galea vs Josephine Galea – 15.05.1998)"***[29]

Ghalhekk, dina l-Qorti trid tezamina u tevaluwa li l-provi prodotti mill-attrici huma **cari, oggettivi u inekwivoci** bizzejjed sabiex jiggustifikaw revizjoni fil-quantum ta' manteniment dovut mill-konvenut.

**<u>Talbiet Attrici</u>**

Mir-rizultanzi processwali jidher li mat-trapass taz-zmien, kien hemm cirkostanzi li nbiddlu, tenut kont tal-fatt li dina l-kawza nfethet fis-sena 2013 u llum nistabu fis-sena 2020 u dina l-Qorti se tiehu dan in konsiderazzjoni. Dakinhar li nfethet il-kawza l-attrici kienet ghadha ma tahdimx, ghazla taghha, mhux kapriccosament, izda b'kull intenzjoni tajba biex toffri hajja ahjar lil uliedha, ghax kienet qed isegwi kors ghal social worker fl-Universita' ta' Malta u llum tinstab gradwata u tahdem b'paga ta' €1,400 kull xahar. Tul l-istudju taghha tammetti hi stess li kienet ippruvat tahdem part-time, izda mbaghad tistqarr li minhabba l-impenji tal-

[29] Qorti tal-Familja DXN vs WO deciza 6 ta' Dicembru, 2017

istudji u t-trobbija tat-tfal kienet iddecidiet li tieqaf. Fil-fatt, mill-provi prodotti mill-Jobsplus, l-attrici ghamlet zmien twil tahdem bhala kaxxiera ma' Arkadia Marketing Limited u taccenna ghall-fatt li meta ma ridux jaghtuha l-leave, peress li kellha l-ezamijiet tal-kors li kienet qed issegwi l-Universita' ma dahlitx ix-xoghol u l-impjieg taghha giet itterminat. Dan kien fl-istess perjodu li nfethet dina l-kawza.

Ix-xenarju fl-2013 u ftit wara kien ferm differenti ghall-attrici. B'introjtu baxx sabet diffikolta' li tlahhaq bl-ispejjes ta' kera ghall-fond fejn kienet tghix wara li sseparat u kien ghalhekk li kellha tmur tghix m'ommha, mara anzjana, fejn kienu jghixu ukoll uhud minn hutha, meta l-post kien zghir. Ghax ix-xitan m'ghandux halib, bi sfortuna kbira, id-dar t'ommha nharqet u spiccat ta' fuqha senduqha. Ic-cirkostanzi zgur ma kinux sbieh u anqas xejn ma kienu jiffavorixxu lill-attrici, li spiccat kellha ssib kenn ghaliha fid-dar tal-gharus taghha, filwaqt li talbet lill-konvenut sabiex jiehu hsieb lit-tfal sakemm setghet isib post alternattiv.

Tul dan iz-zmien, l-attrici ssostni li l-konvenut ma kienx qed ihallasha l-ispejjes edukattivi u tas-sahha regolarment, tant li kellha tirraportah, fatt li l-konvenut jinnega u jammetti li l-uniku zmien li ma kienx hallas ghal dawn l-ispejjes kien meta kien qed izomm il-minuri mieghu, wara li nharqet id-dar ta' nannithom, fejn kienu qed ighixu. Il-konvenut jikkonferma li kien qed ihallas is-sehem tieghu mill-ispejjes tal-karate, tal-privat tat-tfal, li minkejja li l-attrici fil-bidu tax-xhieda taghha, tghid li xtaqet tibghathom ghall-attivitajiet extra-kurrikulari, imma ma kellhiex il-flus, fir-rikors tal-access taghha, ipprezentat programm bl-impenji tat-tfal minuri, li jinkludu fost ohrajn diversi attivitajiet extra-kurrikulari.

L-attrici tkompli tiggustifika t-talba taghha ghat-tibdil fil-hlas ta' manteniment minhabba li kellha ukoll l-ispejjes tas-self li kellha minhabba li kienet hadet post mill-Awtorita' tad-Djar bis-sussidju. Skond Mario

Magro, in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar, l-attrici kienet applikat ghall-post fl-24 ta' Mejju, 2012 u kienet eventwalment iffirmat konvenju fit-22 ta' April, 2013 u xtrat il-fond bis-sussidju ta' €23, 100 u b'rata ta' loan ta' €261 fix-xahar. S'intendi dak iz-zmien, l-attrici ma kellhiex paga, peress li kienet qieghdha qed tistudja, kienet waqqfghet tahdem part-time u l-uniku mezzi finanzjarji li kellha kienu l-istipendju li kienet tircievi mill-Universita', ic-childrens allowance, kif ukoll il-beneficcji socjali.

L-istat finanzjarju tal-attrici jkompli jidher bhala wiehed prekarju meta nghatat l-ghajnuna mill-Community Chest Fund, fejn RST tghid li wara li sar l-assessjar, irrizulta li l-attrici kkwalifikat sabiex tiehu s-somma ta' €440 li minnhom xtrat saqqu double, u tnejn single, heater tal-gas u 2 quilts.[30] Applikat ghall-computer u tawha wiehed second hand u kienu ukoll tawha fridge. Spjegat ukoll li meta l-attrici applikat kellha referenza minghand is-social worker fejn ikkonfermat li l-bzonn huwa genwin.

Il-konvenut jirribatti l-allegazzjonjiiet tal-attrici, li s-sitwazzjoni finanzjarja taghha ma kinitx daqshekk iddisprata, ghaliex kienet ghamlet l-arrangjamenti ma' Mizzi Holdings Ltd, is-socjeta' li kienet tiggestixxi Arkadia Marketing Limited, fejn kienet tahdem l-attrici, sabiex tahdem bla ktieb u jinsisti li l-istatements bankarji tal-Bank of Valletta plc. jikkonfermaw li wara li allegatament telqet mill-impjieg taghha minn ma' Mizzi Holdings fl-2013, bdiet tircievi varji cekkijiet b'ammonti pjuttost sostanzjali u dan kien tal-inqas darba fix-xahar. L-attrici ma rribaditx dawn il-provi, li rrizultaw b'mod konkret mill-istatements bankarji u c-cirkostanzi kollha jindikaw li l-attrici probabilment kienet effettivament qed tahdem bla ktieb.

[30] Ara Dok. MC 1 a fol. 645 tal-process.

Problema ohra li wasslet lill-attrici sabiex titlob iktar manteniment minghand il-konvenut kienet relatata mal-ispejjes medici li jinvolvu l-kura tal-minuri D li tbati minn ADHD. L-attrici tishaq fuq il-fatt li l-konvenut kien indifferenti ghal din il-problema tal-minuri u ma kienx jikkoopera maghha. L-attrici ssemmi diversi bzonnjiiet li ghandha l-minuri li jehtieglha l-presenza ta' LSA fl-iskola. Apparti minn hekk il-minuri tiehu l-medicina Ritanil li meta kienet infethet il-kawza, kienu kontra hlas. Illum saru l-izviluppi u fil-mori tal-kawza, dina l-medicina tista' tigi akkwistata b'xejn. Minkejja li hemm din l-opportunita', l-attrici qiedgha tinsisti li jkun ahjar ghall-minuri li tiehu l-medicina Concreto, ghax hija izjed effettiva. L-izvantagg ta' dan huwa li dina l-medicina ma tinghatax b'xejn u tqum xi €60 fix-xahar. It-tabib kuranti tal-minuri Dr. Joseph Saliba jinsisti li kienet stabbli bil-medicina Ritanil li kienet tiehu u ma kienx hemm lanqas il-htiega li jaraha kull xahar peress li kienet qed taghmel progress bil-kura li kienet qed isegwi. Verzjoni kontrastanti hija tal-konvenut li jghid li minhabba li bdew jaraw effetti tal-medicina Ritanil, il-minuri waqaf milli jehodhom, pero' l-verzjoni tat-tabib hija wahda aktar verosimili. Ta' min josserva ukoll, li l-konvenut irrimarka li l-attrici kienet qed titolbu sehemha ghall-medicina, meta kellha l-karta r-roza, izda jirrizulta mill-provi li minkejja li l-attrici kienet intitolata ghal karta r-roza, biex tiehu medicine b'xejn, ghal xi raguni jew ohra ma kinitx applikat ghaliha a pregudizzju taghhom it-tnejn.

Il-konvenut da parti tieghu jichad li kien indifferenti ghal dawn il-bzonnijiet tal-minuri. Il-preokkupazzjoni maggura tieghu kienet x'riperkussjonijiet seta' kien hemm fuq il-minuri meta gew preskritti l-pilloli Ritanil, precisament li l-minuri setghet tibqa' zghira u setghet tbati

minn hafna ugigh ta' ras, effetti li fil-fehma tieghu kienet bdiet tbati ftit jew wisq minnhom.

Ghalhekk, anke jekk l-attrici bbazat il-bdil ta' cirkostanzi l-aktar fuq dina l-problema ta' ADHD tal-minuri D,  u l-ispejjes li tinvolvi, realistikament, dawn l-ispejjes relattivament huma zghar, meta partikolarment il-pilloli preskritti llum huma b'xejn u l-ahjar haga huma effettivi!

Ghalhekk, minn dak li gie fuq suespost, ma jezistux ragunijiet ghalfejn ghandu jinbidel il-kuntratt ta' separazzjoni in kwantu jirrigwarda l-hlas tal-ispejjes edukattivi u tas-sahha. M'hemmx lok li l-konvenut ihallas somma fis-sena kif qed tipproponi l-attrici.

Fl-ahharnett, ghandu jigi rilevat li l-pretensjoni tal-attrici li l-ispejjes ta' kull xahar huma aktar minn €900 hija pjuttost sostanzjali u ezami akkurat tal-prospett li pprezentat, jindika li uhud mill-ispejjes mhumiex verosimili.

Fuq kollox, irid jigi annalizzat ukoll jekk ic-cirkostanzi tal-konvenut inbiddlu tali li jiggustifikaw it-talba attrici. L-attrici tikkonferma li l-konvenut jahdem mal-Armata u nghata diversi promozzjonijiet li jintitolawh ghall-zieda fil-paga tieghu. Tghid ukoll li jonfoq hafna flus fil-gym, il-karate, il-kacca u sahansitra jsiefer xi tlett darbiet fis-sena. Joseph Magri, kaptan mal-Forzi Armati, fis-Sezzjoni tas-Salarji xehed li l-paga tieghu tvarja bejn l-€1,200 u €1,300 fix-xahar u kellu ntrojtu ta' cirka €20,000 gross fis-sena. Minnhom dawn jinkludu t-trade allowance u anke allowance jekk jahdem il-Hdud. Mir-rizultanti processwali jirrizulta li l-konvenut izomm ir-rank ta' bombardier, fi hdan l-Armata u minkejja li l-attrici ssostni li nghata zewg promozzjonjiet, dina ma gietx ippruvata.

Lanqas mal-attrici gabet provi tal-anqas, kopja tal-passaport biex tikkonferma kemm il-darba jsiefer il-konvenut. Hu jametti li tal-inqas

darba fis-sena jsiefer izda generalment imur fuq xoghol, filwaqt li l-attrici ssostni li jsiefer tlett darbiet fis-sena.

Jirrizulta ukoll mill-provi u dan huwa kkorroborat mix-xhieda prodotta mill-konvenut, li wara xi zmien li kienu ffirmaw is-separazzjoni konsenswali, il-konvenut kien iddecieda li jixtri s-sehem tal-attrici mid-dar konjugali peress li ma kinux qablu ghall-bejgh taghha. Ghal dan il-ghan kellu jiehu loan ta' €25,000 u jhallas il-bank €300 fix-xahar u eventwalment sar kuntratt fejn sehem l-attrici ta' dik li kienet id-dar konjugali giet trasferita ghal fuq il-konvenut. Peress li l-attrici kienet hadet ukoll diversi oggetti li kienu jinstabu fid-dar konjugali, il-genituri tal-konvenut jikkonfermaw li kienu selfuh €18,000. Illum, il-konvenut ihallas lill-genituri tieghu cirka €200 fix-xahar u minkejja li kien hemm xi drabi li ma hallashomx, dejjem kien puntwali fil-pagamenti. Dan kollu huwa kkorroborat mill-genituri tieghu.

L-attrici accennat ghall-fatt ukoll li l-konvenut jikri l-fond, li kienet id-dar matrimonjali f'Ta' Xbiex u jdahhal introjtu minn hemm ukoll. Il-konvenut jikkonferma li kien ghamel zmien jikri dan il-fond, izda llum inbiegh u xtara post iehor u ghaldaqstant m'hemm l-ebda ntrojtu minn hawn.

Ghalhekk, ma jirrizultax li kien hemm xi tibdil sostanzjali fl-introjtu tal-konvenut minn meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjon u fuq bilanc, huwa evidenti li l-posizzjoni finanzjarja tal-attrici tjiebet minn mindu fethet il-kawza.

Ghalhekk, in sintesi kif diga' gie rilevat li l-attrici kellha tipprova li kien hemm provi "***cari, oggettivi u inekwivoci***" biex jikkonvincu lil dina l-Qorti li hemm ragunijiet biex taccetta li ssir varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti l-attrici ma rnexxielix tipprova li c-

cirkostanzi taghha u/jew tal-minuri inbidlu b'tali mod illi jimmeritaw varjazzjoni kuntratt ta' separazzjoni tal-konjugi Grixti u tawmenta l-manteniment dovut mill-konvenut.

**Access**

Dwar l-access, minkejja li l-kuntratt ta' separazzjoni jikkontempla access liberu, il-partijiet kienu ftehmu permezz ta' skrittura privata li l-access jigi ezercitat is-shift tal-konvenut li jahdem, day-night-rest-off u ghalhekk kienu ftehmu li fix-Xitwa l-minuri jqattghu gurnata wahda ma' missierhom fil-weekend, filwaqt li fis-sajf iqattghu zewg granet mieghu, wahda matul il-weekend u wahda matul il-gimgha. Jirrizulta li bl-ghazla tal-konvenut, l-access ghall-minuri qed jigi ezercitat biss matul il-weekend, b'mod alternat mill-Gimgha ghas-Sibt jew mis-Sibt sal-Hadd. L-attrici qed titlob li l-access jinzamm kif miftiehem, fis-sens li l-konvenut ghandu jiehu t-tfal ukoll darba fil-gimgha.

L-attrici pprezentat rikors fejn talbet li *pendente lite*, il-konvenut ghandu jigi ordnat li waqt il-hinijiet tal-access tieghu, ghandu jigbor lill-minuri mir-residenza tal-attrici u jerga' jirritornahom, peress li dan ma kienx qed isir u kienet qed tintrabat peress li bit-tfal kellha hafna giri wara l-hinijiet tal-skola u fil-weekend. Il-konvenut jichad dan kollu u jghid li dejjem ikkoopera u ma kienx qed joggezzjona li jigbor lill-minuri, fost il-gimgha, mir-residenza tal-attrici u jirritornahom, filwaqt li fil-weekend, hija l-attrici li ghandha twassal lill-minuri ghand il-konvenut, biex jigi ezercitat l-access u meta dan jitlesta, il-konvenut jobbliga ruhu li jwassal lit-tfal lura fir-residenza t'ommhom l-attrici.

Il-Qorti rat li l-konvenut ma kienx qed joggezzjona li jigi ezercitat l-access fost il-gimgha, pero' kien jehtieg naqra' flessibilita' tenut kont tal-fatt li kien jahdem bis-shifts mal-Forzi Armati.

Ghaldaqstant, l-access ghandu jigi ezercitat darba fil-gimgha bi preavviz mill-konvenut tal-anqas 24 siegha qabel, u darba fil-weekend b'mod alternattiv darba mill-Gimgha, meta t-tfal minuri ghandhom jingabru mill-konvenut fit-8 pm sas-Sibt fis- 6 pm u darb'ohra mis-Sibt fis-6 pm sal-Hadd fis-6 pm.

Fi kwalunkwe zmien, it-tfal ghandhom jingabru u jitwasslu lura mill-konvenut fir-residenza tal-attrici.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi:-

1.Tichad l-ewwel tlett talbiet attrici.

2. Tilqa' r-raba' talba attrici in parte, fis-sens li l-access ghandu jigi ezercitat darba fil-gimgha skond kif miftiehem bejn il-partijiet, in vista tax-xoghol tal-konvenut li jahdem bis-shift, b'dana li ghandhu jaghti pre-avviz tal-inqas ta' 24 siegha lill-attrici u darba fil-weekend, b'mod alternattiv, mill-Gimgha fit-8. 00 pm sas-sibt fis-6. 00 pm u darb'ohra mis-Sibt fis-6.00 pm sal-Hadd fis-6.00 pm. F'kull okkazzjoni, il-konvenut ghandu jigbor it-tfal mir-residenza tal-attrici u jirritornahom fir-residenza taghha fit-tmiem l-access.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati in kwantu zewg terzi mill-attrici u terz mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony. J. Vella** **Registratur**